

Brussell, 1 ta' Diċembru 2021
(OR. en)

14651/21

FISC 227
ECOFIN 1202
CO EUR-PREP 37

NOTA PUNT "A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kunsill
Suġġett:	Rapport tal-Ecofin lill-Kunsill Ewropew dwar kwistjonijiet ta' taxxa - Approvazzjoni

1. Il-Kunsill (Ecofin) ġie mistieden jirrapporta lill-Kunsill Ewropew dwar diversi kwistjonijiet ta' taxxa kif jissemmew, b'mod partikolari fil-konklużjonijiet tiegħu ta' Marzu u Ġunju 2012, Mejju 2013, Diċembru 2014 u Ottubru 2017.
2. Fil-25 ta' Novembru 2021 il-Grupp ta' Ħidma tal-Kunsill dwar Kwistjonijiet ta' Taxxa (Livell Għoli) laħaq qbil dwar abbozz ta' rapport tal-Ecofin dwar kwistjonijiet ta' taxxa li tħejja għall-Kunsill Ewropew, biex jiġi ppreżentat lill-Kunsill fis-7 ta' Diċembru 2021 permezz tal-Coreper. Ġie maqbul ukoll li l-aġġornamenti fattwali tas-soltu (il-partijiet fil-parentesi kwadri) ser isiru mis-SĠK wara l-laqgħa tal-Kunsill qabel ma toħroġ il-verżjoni finali tar-rapport.
3. Il-Kunsill (Ecofin) huwa għalhekk mistieden japprova r-rapport kif jinsab fl-Anness għal din in-nota bħala punt A bil-ħsieb tat-trażmissjoni tiegħu lill-Kunsill Ewropew (is-16 u s-17 ta' Diċembru 2021).

**RAPPORT TAL-ECOFIN LILL-KUNSILL EWROPEW DWAR KWISTJONIJIET TA'
TAXXA**

1. Dan ir-rapport tal-Kunsill jipprovdi ħarsa ġenerali tal-progress miksub fil-Kunsill matul il-mandat tal-Presidenza Slovena, kif ukoll ħarsa ġenerali tas-sitwazzjoni attwali tal-aktar dossiers importanti li qed jiġu nnegozjati fil-qasam tat-tassazzjoni. Ir-rapport tħejja abbażi ta' diskussjonijiet fil-Grupp ta' Ħidma dwar Kwistjonijiet ta' Taxxa (Livell Għoli) (HLWP) li koprew kwistjonijiet tal-politika tat-tassazzjoni orizzontali ta' rilevanza strateġika, f'konformità mal-mandat tiegħu.
2. Dan ir-rapport jirrifletti s-sitwazzjoni attwali tal-ħidma rilevanti tal-Kunsill u jkopri kwistjonijiet imsemmija f'diversi konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew mill-2012 'l hawn¹, id-dikjarazzjoni tal-Membri tal-Kunsill Ewropew tal-25 ta' Marzu 2021², il-konklużjonijiet tal-Kunsill fil-qasam tal-VAT tal-2012³ u tal-2016⁴, il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar "Ir-reazzjoni għall-isfidi tat-tassazzjoni tal-profitti tal-ekonomija diġitali" tal-2017⁵, il-Konklużjonijiet tal-Kunsill tal-2020 dwar l-evoluzzjoni futura tal-kooperazzjoni amministrattiva fil-qasam tat-tassazzjoni fl-UE⁶, kif ukoll il-konklużjonijiet tal-Kunsill tas-27 ta' Novembru 2020 dwar tassazzjoni ġusta u effettiva fi żminijiet ta' rkupru, dwar sfidi fil-qasam tat-taxxa b'rabta mad-diġitalizzazzjoni u dwar il-governanza tajba fil-qasam tat-taxxa fl-UE u lil hinn minnha⁷.

¹ Dok. EUCO 4/3/12 REV 3 (punti 9 u 21), EUCO 76/12, EUCO 75/1/13 REV 1, EUCO 14/17 (punt 11), EUCO 10/20 (punti A29 u 147) u EUCO 13/20.

² Dok. 18/21.

³ Dok. 9586/12.

⁴ Dok. 9494/16.

⁵ Dok. 15175/17.

⁶ Dok. 8482/20.

⁷ Dok. 13350/20.

3. Minkejja l-ostakli persistenti kkawżati mill-pandemija tal-COVID-19, il-Presidenza Slovena kompliet id-diskussjonijiet dwar fajls ewlenin, inkluż l-indirizzar tal-isfidi li jirriżultaw mid-diġitalizzazzjoni tal-ekonomija, il-futur tar-rati tal-VAT, ir-reviżjoni tal-Kodiċi tal-Kondotta tal-1997 (Tassazzjoni tal-Intrapriżi) u aġġornamenti għal-lista tal-UE ta' ġuriżdizzjonijiet li ma jikkooperawx għal finijiet ta' taxxa, u, fil-qafas tal-Patt Ekoloġiku Ewropew, bdiet il-ħidma fuq ir-reviżjoni tad-Direttiva dwar it-Tassazzjoni fuq l-Enerġija (ETD).
4. B'mod aktar speċifiku, il-Kunsill:
 - a) segwa mill-qrib u evalwa n-negozjati tal-Qafas Inklużiv (QI) tal-OECD/G20 dwar l-Erożjoni tal-Bażi u t-Trasferiment tal-Profit (BEPS) (OECD/G20 QI dwar il-BEPS) dwar soluzzjonijiet għall-isfidi tat-taxxa tad-diġitalizzazzjoni tal-ekonomija u l-ħidma kontinwa dwar it-triq 'il quddiem fil-livell internazzjonali u fl-UE;
 - b) [laħaq approċċ ġenerali] dwar il-proposta għal Direttiva li temenda d-Direttiva 2006/112/KE dwar ir-rati tat-taxxa fuq il-valur miżjud;
 - c) adotta d-Direttiva tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2006/112/KE fir-rigward ta' eżenzjonijiet fuq l-importazzjonijiet u fuq ċerti provvisti, fir-rigward ta' miżuri tal-Unjoni fl-interess pubbliku;
 - d) nieda l-analiżi tal-proposta għal Direttiva tal-Kunsill li tirrifirma l-istruttura tal-Unjoni dwar tassazzjoni fuq prodotti tal-enerġija u l-elettriku (riformalazzjoni) (proposta tal-ETD); u
 - e) [laħaq qbil dwar reviżjoni tal-Kodiċi tal-Kondotta (Tassazzjoni tal-Intrapriżi).]

5. Il-Grupp dwar il-Kodiċi tal-Kondotta (tassazzjoni tal-intrapriżi) kompli ulterjorment ukoll il-ħidma tiegħu fuq id-diversi kwistjonijiet li jaqgħu fil-mandat attwali tiegħu, inkluż fuq il-lista tal-UE ta' ġurisdizzjonijiet li ma jikkooperawx għal finijiet ta' taxxa, filwaqt li jikkunsidra l-limitazzjonijiet minħabba l-pandemija globali tal-COVID-19, kif stabbilit fir-rapport ta' kull sitt xhur tiegħu⁸. L-aħħar li ġiet aġġornata l-lista tal-UE kien mill-Kunsill fil-5 ta' Ottubru 2021⁹. Informazzjoni aktar dettaljata dwar id-dossiers individwali tinsab hawn taħt.

A. INIZJATTIVI FIL-QASAM TAL-LIĠI DWAR IT-TAXXA TAL-UE

a) Sfidi tat-taxxa li jirriżultaw mid-diġitalizzazzjoni tal-ekonomija

6. L-indirizzar tal-isfidi tat-taxxa li jirriżultaw mid-diġitalizzazzjoni tal-ekonomija jibqa' l-prijorità ewlenija tal-Kunsill fil-qasam tal-politika tat-tassazzjoni. Il-Kunsill, fil-konklużjonijiet tiegħu tas-27 ta' Novembru 2020 dwar "Tassazzjoni ġusta u effettiva fi żminijiet ta' rkupru, dwar sfidi fil-qasam tat-taxxa b'rabta mad-diġitalizzazzjoni u dwar il-governanza tajba fil-qasam tat-taxxa fl-UE u lil hinn minnha",¹⁰ ikkonferma l-appoġġ kontinwu tiegħu għall-ħidma fl-OECD/G20 QI dwar il-BEPS. Fid-dikjarazzjoni tagħhom tal-25 ta' Marzu 2021¹¹, il-Membri tal-Kunsill Ewropew tennew ukoll "*il-preferenza u l-impenn qawwija tagħhom għal soluzzjoni globali dwar it-tassazzjoni diġitali internazzjonali*" indikaw li huma "*ser jistinkaw biex tinstab soluzzjoni bbażata fuq il-kunsens sa nofs l-2021 fil-qafas tal-OECD*" u kkonfermaw li "*l-Unjoni Ewropea ser tkun lesta li timxi 'l quddiem jekk ma jkunx hemm il-prospett ta' soluzzjoni globali.*"

⁸ Dok. 14230/21.

⁹ ĠU C 413I, 12.10.2021, p.1.

¹⁰ Dok. 13350/20.

¹¹ Dok. 18/21.

7. Il-ħidma tal-Kunsill u tal-korpi preparatorji tiegħu mwettqa matul it-termini tal-Presidenza preċedenti f'dan il-qasam hija miġbura fil-qosor fir-rapporti preċedenti tal-Kunsill dwar kwistjonijiet ta' taxxa¹². Ta' min jinnota, li d-dibattitu globali li għaddej bħalissa dwar l-aġġornament tar-regoli tat-tassazzjoni korporattiva internazzjonali kellu influwenza fuq id-deliberazzjonijiet fost l-Istati Membri fir-rigward tal-proposta leġislattiva għat-taxxa fuq is-servizzi diġitali (TSD), il-proposta dwar il-preżenza diġitali sinifikanti (SDP) u l-proġett CC(C)TB, kif ukoll fir-rigward tal-proposta għar-riformulazzjoni tad-Direttiva dwar l-Imgħax u r-Royalties (IRD).
8. Fit-8 ta' Ottubru 2021, l-OECD/G20 QI dwar il-BEPS qabel, bl-appoġġ tal-Istati Membri kollha tal-UE, dwar it-test finalizzat tad-Dikjarazzjoni li tistabbilixxi soluzzjoni b'żewġ pilastri biex jiġu indirizzati l-isfidi tat-taxxa li jirriżultaw mid-diġitalizzazzjoni tal-ekonomija, kif ukoll il-Pjan ta' Implimentazzjoni dettaljat tagħha¹³. Mill-[4 ta' Novembru 2021, 137] pajjiż u ġurisdizzjoni ngħaqdu ma' dan il-pjan b'żewġ pilastri biex jirrifurmaw ir-regoli tat-tassazzjoni internazzjonali u jiżguraw li l-intrapriżi multinazzjonali jħallsu sehem ġust mit-taxxa kull fejn joperaw.
9. Ir-riforma tat-tassazzjoni korporattiva internazzjonali ser tikkonsisti f'Żewġ Pilastri. L-Ewwel Pilastru ser jikkonsisti minn regoli li jiżguraw distribuzzjoni aktar ġusta tad-drittijiet ta' intaxxar fuq il-profitti tal-akbar intrapriżi multinazzjonali u dawk l-aktar profittabbli (MNEs). Parti mid-drittijiet ta' intaxxar ser tiġi riallokata għall-ġurisdizzjonijiet tas-suq fejn l-MNEs ikollhom attivitajiet kummerċjali u jagħmlu profitt, irrispettivament mill-preżenza fiżika tagħhom f'dawk il-ġurisdizzjonijiet. It-Tieni Pilastru ser ikun fih regoli mmirati lejn it-tnaqqis tal-opportunitajiet għall-erożjoni tal-bażi tat-taxxa u t-trasferiment tal-profitt, biex jiġi żgurat li titħallas ir-rata minima globali miftiehma tat-taxxa korporattiva, stabbilita għal 15 %. Aktar benefiċċji jirriżultaw ukoll mill-istabbilizzazzjoni tas-sistema tat-taxxa internazzjonali u miż-żieda fiċ-ċertezza tat-taxxa għall-kontribwenti u l-amministrazzjonijiet tat-taxxa.

¹² Dok. 9970/21, il-punti 6 sa 18; Dok. 13336/20, il-punti 13 sa 20; Dok. 8891/20, il-punti 13 sa 26.

¹³ Tista' tinstab fuq dan il-link: <https://www.oecd.org/tax/beps/statement-on-a-two-pillar-solution-to-address-the-tax-challenges-arising-from-the-digitalisation-of-the-economy-october-2021.htm>.

10. F'konformità mal-Pjan ta' Implimentazzjoni, b'ħalissa għaddejja ħidma fl-OECD/G20 QI dwar il-BEPS biex jiġu ffinalizzati t-testi li ser jikkostitwixxu l-qafas il-ġdid ta' regoli tas-soluzzjoni bbażata fuq il-kunsens internazzjonali. Is-soluzzjoni ta' Żewġ Pilastru ser tirrikjedi fażi ta' implimentazzjoni, li matulha jsiru aġġustamenti għall-qafas attwali ta' ftehimiet internazzjonali dwar it-taxxa u għal-liġijiet nazzjonali dwar it-taxxa, skont il-każ. L-UE biħsiebha tiżgura l-implimentazzjoni permezz ta' leġiżlazzjoni u deċiżjonijiet li għandhom jittieħdu mill-Kunsill, fejn adatt.

b) Inizjattivi futuri fil-qasam tat-tassazzjoni korporattiva

11. Huwa mistenni li l-proposti leġiżlattivi l-ġodda mill-Kummissjoni Ewropea mmirati lejn it-traspożizzjoni tas-soluzzjoni globali ta' Żewġ Pilastru ser jiġu ppreżentati lill-Kunsill kemm jista' jkun malajr, b'riflessjoni tar-riżultati tal-ħidma mwettqa fl-OECD/G20 QI dwar il-BEPS. F'dan il-kuntest, huwa mistenni li qabel tmiem l-2021 titressaq proposta leġiżlattiva għat-traspożizzjoni tar-rata tat-taxxa effettiva minima globali taħt it-Tieni Pilastru fl-UE.
12. Huwa mistenni wkoll li l-Kummissjoni, bi tkomplija fuq il-Komunikazzjoni tagħha tat-18 ta' Mejju 2021, "It-Tassazzjoni tan-Negożju għas-seklu 21", ser toħroġ proposta leġiżlattiva li tistabbilixxi regoli tal-Unjoni biex jiġi newtralizzat l-użu ħażin ta' entitajiet fittizji għal finijiet tat-taxxa u proposta leġiżlattiva għall-pubblikazzjoni ta' rati tat-taxxa effettivi mħallsa minn kumpaniji kbar.

c) Taxxa fuq il-Valur Miżjud (VAT)

13. Fir-rigward tal-VAT, fl-2016, il-Kunsill adotta żewġ settijiet ta' konklużjonijiet: f'Mejju 2016¹⁴ il-Kunsill wieġeb għall-Pjan ta' Azzjoni tal-Kummissjoni dwar il-VAT - Lejn żona unika tal-VAT fl-UE, tas-7 ta' April 2016, u f'Novembru 2016 il-Kunsill esprima l-fehmiet tiegħu dwar it-tiġib għar-regoli attwali tal-UE dwar il-VAT għal tranżazzjonijiet transfruntiera¹⁵.

¹⁴ Dok. 9494/16.

¹⁵ Dok. 14257/16.

14. B'segwitu għall-Pjan ta' Azzjoni tagħha dwar il-VAT, il-Kummissjoni pproponiet għadd sinifikanti ta' proposti leġiżlattivi fil-qasam tal-VAT. Flimkien, dawn il-proposti jimmiraw li jimmodernizzaw is-sistema tal-VAT biex tiġi adattata għall-ekonomija diġitali u l-ħtiġijiet tal-SMEs, biex tiġi indirizzata d-diskrepanza tal-VAT u tittejjeb il-kooperazzjoni amministrattiva fil-qasam tal-VAT.
15. Waqt li kompliet tibni fuq il-progress li sar matul il-Presidenza preċedenti¹⁶, il-Presidenza Slovena kompliet bil-ħidma fuq il-fajls leġiżlattivi fil-qasam tal-VAT.
16. Matul il-mandat tal-Presidenza Slovena, id-dossiers leġiżlattivi f'diversi stadji ta' progress li kienu fuq il-mejda tal-Kunsill u/jew tal-korpi preparatorji tiegħu, skont il-każ, koprew l-oqsma li ġejjin tal-VAT:
 - i. sistema definittiva tal-VAT;
 - ii. riforma tar-rati tal-VAT;
 - iii. l-għoti ta' setgħat ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni biex tiddetermina t-tifsira tat-termini użati f'ċerti dispożizzjonijiet tad-Direttiva tal-VAT; u
 - iv. eżenzjonijiet fuq importazzjonijiet u fuq ċerti provvisti, fir-rigward ta' miżuri tal-Unjoni fl-interess pubbliku.
17. Informazzjoni aktar dettaljata dwar id-dossiers individwali fil-qasam tal-VAT tinsab aktar 'il quddiem fit-test.
18. Barra minn hekk, il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar tassazzjoni ġusta u effettiva fi żminijiet ta' rkupru, dwar sfidi tat-taxxa marbuta mad-diġitalizzazzjoni u dwar il-governanza tajba fil-qasam tat-taxxa fl-UE u lil hinn minnha tas-27 ta' Novembru 2020 jinkludu wkoll ir-reazzjoni tal-Kunsill għall-miżuri fil-qasam tal-VAT u d-dazji tas-sisa.

¹⁶ Ara, pereżempju d-dok. 15082/18, il-punti 30 sa 111; dok. 10322/18, il-punti 56 sa 100.

i. sistema definittiva tal-VAT

19. B'segwitu għall-Pjan ta' Azzjoni tagħha dwar il-VAT - Lejn Żona unika tal-VAT fl-UE tas-7 ta' April 2016, il-Kummissjoni għażlet approċċ leġislattiv f'żewġ stadji għas-sistema definittiva tal-VAT¹⁷, u l-fajl ġie diskuss taħt il-Presidenza Rumena, Finlandiża, Kroata u dik Ġermaniża.
20. L-Istati Membri jaqblu li dan id-dossier għadu jirrikjedi analiżi teknika bir-reqqa qabel ma jsiru l-għażliet ta' politika finali. Kif diġà indikat mill-Kunsill¹⁸, l-aħjar triq 'il quddiem hija li tkompli tingħata attenzjoni lill-elementi ewlenin tal-proposta tal-Kummissjoni u l-analiżi tal-għażliet ta' miżuri ta' akkumpanjament. Jenħtieġ titkompla l-ħidma fuq is-sistema definittiva tal-VAT filwaqt li ma tipprevjenix jew iżżomm lura l-isforzi biex tittejjeb is-sistema attwali tal-VAT.

ii. Riforma tar-rati tal-VAT

21. Fit-18 ta' Jannar 2018, il-Kummissjoni ħarġet proposta għal Direttiva li temenda d-Direttiva 2006/112/KE rigward ir-rati tat-taxxa fuq il-valur miżjud¹⁹. L-objettiv ta' din il-proposta leġislattiva huwa li tintroduċi r-regoli dwar l-iffissar tar-rati tal-VAT fl-UE kollha, b'effett mid-dħul fis-seħħ tal-arranġamenti definittivi għat-tassazzjoni tal-kummerċ bejn l-Istati Membri.
22. Fil-qosor, u l-aktar essenzjali, ma' din il-proposta leġislattiva speċifika, il-Kummissjoni pproponiet li:
 - i) temenda r-regoli tal-UE dwar l-istabbiliment ta' rati mnaqqsa tal-VAT (eż. jiġu aboliti d-dispożizzjonijiet tranżizzjonali attwali li jippermettu li jkun hemm deroga temporanja mir-regoli ġenerali; tirrevedi l-Artikolu 98 tad-Direttiva tal-VAT);
 - ii) tagħti lill-Istati Membri aktar libertà biex jistabbilixxu r-rati tagħhom (madankollu, l-Istati Membri jkollhom jiżguraw li rata tal-VAT medja peżata tagħhom taqbeż it-12 % fi kwalunkwe ħin);

¹⁷ Dan l-approċċ ġie deskritt b'mod aktar dettaljat f'rapporti preċedenti, pereżempju fid-dok. 9970/21, il-punti 25 sa 31.

¹⁸ Dok. 15082/18, il-punti 89 sa 91.

¹⁹ Dok. 5335/18.

- iii) tintroduċi "lista negattiva" ta' oġġetti u servizzi li għalihom l-applikazzjoni tar-rati mnaqqsa mhix permissibbli (minflok il-lista "pożittiva" attwali).
23. Il-proposta tal-Kummissjoni għet eżaminata matul il-mandat tal-Presidenza Bulgara, Rumena, Finlandiża, Kroata, Ġermaniża u dik Portugiża.
24. Waqt il-Presidenza Kroata u dik Ġermaniża saru diskussjonijiet dwar il-possibbiltà ta' lista pożittiva, l-użu ta' kodiċijiet NM²⁰ (fejn possibbli) għall-oġġetti u kodiċijiet CPA²¹ għas-servizzi u l-prinċipji u l-kondizzjonijiet biex jiġu applikati rati mnaqqsa tal-VAT. Saru wkoll suġġerimenti dwar l-avvanz tal-Patt Ekoloġiku Ewropew billi ġie introdott trattament tal-VAT li jkun aktar ta' benefiċċju għal provvisti b'emissjonijiet baxxi ta' CO₂²².
25. Wara l-ħidma li saret qabel, il-Presidenza Portugiża ssuġġeriet approċċ fi tliet stadji bbażat fuq id-definizzjoni tal-karatteristiċi li jiggwidaw l-inklużjoni ta' oġġetti u servizzi f'lista pożittiva, fuq l-aġġornament u l-modernizzazzjoni tal-Anness III tad-Direttiva 2006/112/KE u fuq il-kamp ta' applikazzjoni ta' rati tat-taxxa żero, rati mnaqqsa ħafna u derogi. Fit-18 ta' Ġunju 2021, il-Kunsill Ecofin iddiskuta żewġ aspetti tar-riforma proposta li jistgħu jibbenefikaw minn gwida politika mill-ministri, jiġifieri l-klawżola ta' estinzjoni għal oġġetti li jagħmlu ħsara lill-ambjent u l-kwistjoni ta' klawżola ta' sospensjoni li tagħmel id-derogi eżistenti li jippermettu rati ta' parkeġġ (rati mnaqqsa ogħla minn 12 %), rati mnaqqsa ħafna u eżenzjonijiet bil-possibbiltà ta' tnaqqis tal-VAT tal-input disponibbli għall-Istati Membri l-oħra kollha, biex hekk ikun żgurat trattament ugwali bejniethom.

²⁰ Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/1776 tad-9 ta' Ottubru 2019 li jemenda l-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ta' Dwana.

²¹ Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1209/2014 tad-29 ta' Ottubru 2014 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 451/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jstabbilixxi klassifikazzjoni statistika ġdida tal-prodotti skont l-attività (KPA) u jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3696/93.

²² Ara wkoll il-Konklużjonijiet tal-Kunsill ta' Diċembru 2019 dwar it-Tassazzjoni tal-Enerġija, dok. 14861/19.

26. Abbażi tal-eżitu tad-diskussjonijiet dwar il-klawżola ta' sospensjoni, il-Presidenza Slovena ħadmet fuq testi ta' kompromess li jakkomodaw il-fehmiet differenti espressi mill-ministri. Hija ppruvat issib approçè bilançjat li jiżgura li l-Istati Membri kollha jista' jkollhom açcess ugwali għad-derogi eżistenti tal-Istati Membri, filwaqt li tipprevjeni wkoll proliferazzjoni ta' rati mnaqqsa u eżenzjonijiet bil-possibbiltà ta' tnaqqis tal-VAT tal-input li jistgħu jwasslu għal erożjoni tal-bażijiet tat-taxxa.
27. Dwar il-klawżola ta' estinzjoni, il-Presidenza Slovena allinjat il-biçça l-kbira tal-klawżoli ta' estinzjoni mal-Patt Ekoloġiku Ewropew. Il-klawżola ta' estinzjoni għal fertilizzanti kimiçi u pestiçidi kimiçi għet kemxejn aġġustata biex takkomoda t-tħassib ta' xi Stati Membri fir-rigward tal-bdiewa fuq skala żgħira.
28. Il-Presidenza pruvat ukoll issib soluzzjonijiet għall-kwistjonijiet tekniçi l-oħra fit-test u l-kontenut tal-Anness III tad-Direttiva tal-VAT, jiġifieri l-lista ta' oġġetti u servizzi li għalihom jistgħu jiġu applikati rati mnaqqsa.
29. B'riżultat tal-ħidma teknika mwettqa waqt vidjokonferenzi informali tal-Grupp ta' Ħidma dwar Kwistjonijiet ta' Taxxa fil-15 ta' Lulju, il-15 ta' Settembru, it-30 ta' Settembru, il-15 ta' Ottubru, il-25 ta' Ottubru, it-18 ta' Novembru u l-HLWP fil-25 ta' Novembru 2021, [il-Presidenza ppreżentat test ta' kompromess lill-Kunsill Ecofin fis-7 ta' Diċembru 2021, bil-ħsieb li jintlaħaq approçè ġenerali dwar il-proposta.]

iii. Kumitat tal-VAT

30. Fit-18 ta' Diċembru 2020, il-Kummissjoni ppreżentat Proposta għal Direttiva tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2006/112/KE fir-rigward tal-għoti ta' setgħat ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni biex tiddetermina t-tifsira tat-termini użati f'ċerti dispożizzjonijiet ta' dik id-Direttiva²³ ("Direttiva tal-Kumitat tal-VAT"). Skont il-Kummissjoni, l-objettiv tal-proposta huwa li tipprovdi applikazzjoni aktar uniformi tal-leġislazzjoni tal-UE dwar il-VAT. Biex jinkiseb dan, il-Kummissjoni pproponiet li tistabbilixxi kumitat tal-komitoloġija li jgħin lill-Kummissjoni fl-adozzjoni ta' miżuri ta' implimentazzjoni vinkolanti permezz ta' votazzjoni b'maġġoranza kwalifikata. Fil-fehma tal-Kummissjoni, dan jagħmel it-teħid tad-deċiżjonijiet aktar effiċjenti u jiffranka lill-Qorti tal-Ġustizzja milli jkollha ssolvi kwistjonijiet ta' interpretazzjoni tant frekwenti.
31. Matul id-diskussjonijiet fid-WPTQ (Tassazzjoni Indiretta) matul l-ewwel semestru tal-2021, għalkemm b'mod ġenerali l-Istati Membri setgħu jappoġġaw l-objettiv ġenerali tal-proposta, ħafna delegazzjonijiet esprimew ir-riżervi tagħhom, speċjalment fir-rigward tal-ispustjar tas-setgħa mill-Kunsill għall-Kummissjoni u l-mixja lejn il-votazzjoni b'maġġoranza kwalifikata. Xi delegazzjonijiet kienu tal-fehma li s-sistema attwali tista' titjieb, b'mod partikolari permezz tal-preżentazzjoni ta' aktar proposti għal atti ta' implimentazzjoni tal-Kunsill ibbażati fuq l-Artikolu 397 tad-Direttiva tal-VAT.

²³ Dok. 14293/20.

iv. "Xiri u għoti ta' donazzjoni" tal-VAT

32. Fit-12 ta' April 2021, il-Kummissjoni bagħtet lill-Kunsill proposta għal Direttiva tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2006/112/KE fir-rigward ta' eżenzjonijiet fuq importazzjonijiet u fuq ċerti provvisti, fir-rigward ta' miżuri tal-Unjoni fl-interess pubbliku²⁴. L-għan tal-proposta huwa li tipprevedi eżenzjoni mill-VAT għall-Kummissjoni u aġenziji oħra tal-UE meta jixtru oġġetti u servizzi biex jitqassmu lill-Istati Membri mingħajr ħlas.
33. F'diskussjonijiet inizjali fost l-Istati Membri li saru fil- laqgħat tad-WPTQ (Tassazzjoni Indiretta) fl-14 ta' April u l-20 ta' Mejju 2021 u f'kummenti bil-miktub ippreżentati wara, l-Istati Membri esprimew tħassib dwar għadd ta' kwistjonijiet. Il-Presidenza Portugiża ppreżentat żewġ proposti ta' kompromess, u t-tieni waħda ġiet iċċirkolata għall-approvazzjoni taħt proċedura ta' silenzju fis-26 ta' Mejju 2021. Il-proċedura ta' silenzju nkisret minħabba tħassib espress minn xi Stati Membri b'mod partikolari dwar il-kamp ta' applikazzjoni tal-proposta. Wara diskussjonijiet fil-HLWP, il-fajl ġie ppreżentat lill-Kunsill Ecofin permezz tal-Coreper għal dibattitu ta' orjentazzjoni dwar tnaqqis possibbli tal-kamp ta' applikazzjoni bil-ħsieb ta' adozzjoni bikrija tal-fajl.
34. Wara l-gwida tal-Istati Membri fil-Kunsill Ecofin tat-18 ta' Ġunju 2021, il-Presidenza Portugiża ħejjiet it-tielet test ta' kompromess b'kamp ta' applikazzjoni mnaqqas u ressqitu għal proċedura ta' silenzju informali li ntemmet fis-26 ta' Ġunju 2021 mingħajr kummenti mill-Istati Membri. Wara l-approvazzjoni mill-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti fit-30 ta' Ġunju 2021, it-test ġie adottat mill-Kunsill Ecofin taħt il-Presidenza Slovena fit-13 ta' Lulju u ppubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali fil-15 ta' Lulju 2021²⁵. Il-Kummissjoni ħarġet dikjarazzjoni għall-minuti tal-Coreper u tal-Kunsill²⁶.

²⁴ Dok. 7749/21.

²⁵ ĠU L 250, 15.7.2021, p.1.

²⁶ Dok. 9995/21 ADD 1.

d) Dazji tas-sisa

Reviżjoni tad-Direttiva dwar it-Tassazzjoni fuq l-Enerġija (ETD)

35. Fl-14 ta' Lulju 2021, il-Kummissjoni ppreżentat proposta għal Direttiva tal-Kunsill li tirrifirma l-istruttura tal-Unjoni dwar tassazzjoni fuq prodotti tal-enerġija u l-elettriku (riformulazzjoni)²⁷, ('il-proposta tal-ETD').
36. Il-proposta tal-ETD għandha l-għan li tilħaq l-objettivi li ġejjin:
- il-forniment ta' qafas adattat li jikkontribwixxi għall-miri tal-UE għall-2030 u n-newtralità klimatika sal-2050 fil-kuntest tal-Patt Ekoloġiku Ewropew. Dan jinvolve l-allinjament tat-tassazzjoni tal-prodotti tal-enerġija u l-elettriku mal-politiki tal-UE dwar l-enerġija, l-ambjent u l-klima u b'hekk jikkontribwixxi għall-isforzi tal-UE biex jonqsu l-emissjonijiet;
 - il-forniment ta' qafas li jippreserva u jtejjeb is-suq intern tal-UE permezz tal-aġġornament tal-kamp ta' applikazzjoni tal-prodotti tal-enerġija u l-istruttura tar-rati, u permezz tar-razzjonalizzazzjoni tal-użu ta' eżenzjonijiet u tnaqqis fiskali mill-Istati Membri; u
 - il-preservazzjoni tal-kapaċità ta' ġenerazzjoni ta' dħul għall-baġits tal-Istati Membri.
37. Fil-fehma tal-Kummissjoni, dawn l-objettivi jinkisbu permezz ta' tranżizzjoni minn tassazzjoni bbażata fuq il-volum għal tassazzjoni bbażata fuq il-kontenut tal-enerġija, billi tiġi introdotta klassifikazzjoni tar-rati skont il-prestazzjoni ambjentali tagħhom u billi jiġu limitati l-inċentivi għall-użu tal-karburanti fossili. Skont din il-klassifikazzjoni, il-karburanti fossili konvenzjonali, bħaż-żejt tal-gass u l-petrol ser jiġu ntaxxati bl-ogħla rata u l-elettriku bl-aktar rata baxxa.

²⁷ Dok. 10872/21.

38. Il-proposta tal-ETD hija parti mill-pakkett "Lesti għall-mira ta' 55 %" ²⁸, li għandu l-għan li jimplimenta l-miri ambizzjużi tal-UE biex jitnaqqsu l-emissjonijiet b'mill-inqas 55 % sal-2030, meta mqabbla mal-livelli tal-1990, u biex tinkiseb in-newtralità klimatika sal-2050. Il-pakkett huwa magħmul minn proposti interkonnessi, li kollha għandhom l-istess għan li tiġi żgurata tranżizzjoni ġusta, kompetittiva u ekoloġika sal-2030 u lil hinn. Il-pakkett ikopri firxa ta' oqsma ta' politika u setturi ekonomiċi: il-klima, l-enerġija u l-karburanti, it-trasport, il-bini, l-użu tal-art u l-forestrija ²⁹.
39. Fl-2011, il-Kummissjoni diġà pproponiet li tirrevedi l-ETD, iżda wara diskussjonijiet inkonklużivi, il-Kummissjoni rtirat il-proposta tagħha fl-2015. Fil-11 ta' Settembru 2019, il-Kummissjoni ppubblikat rapport ³⁰ dwar l-evalwazzjoni tal-ETD, fejn indikat li r-regoli attwali ma jikkontribwixxux għall-qafas regolatorju l-ġdid u l-oġettivi ta' politika tal-UE fil-qasam tal-klima u l-enerġija. Fil-5 ta' Diċembru 2019 il-Kunsill (ECOFIN) approva konklużjonijiet dwar il-qafas tat-tassazzjoni tal-enerġija ³¹ tal-UE, filwaqt li enfasizza r-rwol importanti tal-armonizzazzjoni tat-tassazzjoni fuq l-enerġija permezz tal-ETD biex jiġi żgurat il-funzjonament tajjeb tas-suq intern. Il-Kunsill appoġġa wkoll aġġornament tal-qafas legali għat-tassazzjoni fuq l-enerġija li jikkontribwixxi għal oġettivi usa' tal-politika ekonomika u ambjentali tal-UE. Il-konklużjonijiet talbu lill-Kummissjoni biex tiżgura li l-proposti jiġu vvalutati b'mod sħiħ f'termini tal-ispejjeż u l-benefiċċji ekonomiċi, soċjali u ambjentali tagħhom. Bi tħejjija għall-proposta tal-ETD, il-Kummissjoni wettqet konsultazzjoni pubblika ³².
40. Fl-20 u l-21 ta' Lulju 2021, fil-laqgħa informali tal-Grupp ta' Ħidma dwar Kwistjonijiet ta' Taxxa (Livell Għoli) (HLWP), li kien iddedikat għall-"Isfidi futuri fil-qasam tat-tassazzjoni", id-delegazzjonijiet setgħu diġà jesprimu l-fehmiet preliminari tagħhom dwar ir-rwol tat-tassazzjoni fit-tranżizzjoni ekoloġika matul is-sessjoni ta' ħidma "Aspetti ta' tassazzjoni tal-Patt Ekoloġiku". Fit-22 ta' Lulju 2021, il-Kummissjoni ppreżentat il-proposta tal-ETD fil-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti 2).

²⁸ Dok. 10849/21.

²⁹ Il-progress ġenerali li sar fir-rigward tal-fajls tal-pakkett "Lesti għall-mira ta' 55 %" ittrattati mill-Kunsill Ecofin jinsab fid-dokument 13850/21, li fir-rigward tal-ETD huwa identiku għat-test fir-rapport attwali tal-Ecofin lill-Kunsill Ewropew.

³⁰ Dok. 12153/19.

³¹ Dok. 14608/19.

³² https://ec.europa.eu/info/law/better-regulation/have-your-say/initiatives/12227-Revision-of-the-Energy-Tax-Directive-/public-consultation_mt.

41. Id-diskussjonijiet tekniċi fil-Grupp ta' Ħidma dwar Kwistjonijiet ta' Taxxa (Tassazzjoni Indiretta - Dazji tas-sisa/Tassazzjoni fuq l-enerġija) tnedew fid-9 ta' Settembru 2021. F'din il-laqgħa l-Kummissjoni ppreżentat kemm il-proposta kif ukoll il-valutazzjoni tal-impatt.
42. Fil-HLWP tat-23 ta' Settembru 2021, il-Presidenza infurmat lid-delegazzjonijiet dwar is-sitwazzjoni attwali, il-ħidma ppjanata u l-intenzjoni tagħha li tikseb l-akbar progress possibbli dwar dan il-fajl matul il-mandat tagħha.
43. L-eżami tekniku tal-proposta fil-Grupp ta' Ħidma dwar Kwistjonijiet ta' Taxxa (Tassazzjoni Indiretta – Dazji tas-sisa/Tassazzjoni fuq l-enerġija) kompli fis-6 ta' Ottubru, l-20 ta' Ottubru, il-15 ta' Novembru u l-24 ta' Novembru 2021 b'analiżi artikolu b'artikolu. L-ewwel ċiklu ta' analiżi tal-artikoli kollha tlesta fl-24 ta' Novembru 2021.
44. L-eżami tal-proposta offra lid-delegazzjonijiet l-opportunità li jistaqsu mistoqsijiet ta' kjarifika, li l-Kummissjoni wiegħbet. Saru għadd għmielu ta' mistoqsijiet dwar diversi aspetti tal-proposta, bħat-tranżizzjoni minn tassazzjoni bbażata fuq il-volum għal dik ibbażata fuq il-kontenut enerġetiku, l-introduzzjoni ta' klassifikazzjoni tar-rati skont il-prestazzjoni ambjentali, it-tassazzjoni ta' prodotti ġodda, l-indiċjar, u s-settur tal-avjazzjoni u dak marittimu kif ukoll ir-rabtiet ma' fajls oħra tal-pakkett "Lesti għall-mira ta' 55 %".
45. Fil-HLWP tal-25 ta' Novembru 2021, il-Presidenza infurmat lid-delegazzjonijiet dwar ir-riżultati tal-ħidma u l-progress fir-rigward tal-fajl, anki fil-kuntest tal-pakkett "Lesti għall-mira ta' 55 %".

e) Taxxa fuq it-Tranżazzjonijiet Finanzjarji (TTF)

46. Fl-14 ta' Frar 2013, il-Kummissjoni ppreżentat proposta għal Direttiva tal-Kunsill li timplimenta kooperazzjoni msaħħa fil-qasam tat-taxxa fuq it-tranżazzjonijiet finanzjarji.
47. F'dan l-istadju, għaxar Stati Membri jibqgħu jipparteċipaw fil-kooperazzjoni msaħħa fil-qasam tat-TTF: l-Awstrija, il-Belġju, Franza, il-Ġermanja, il-Greċja, l-Italja, il-Portugall, is-Slovakkja, is-Slovenja u Spanja (minn hawn 'il quddiem imsejħa "l-Istati Membri parteċipanti").

48. L-aspetti ewlenin tan-negozjati li għaddejjin bħalissa dwar dan id-dossier tqassru fir-rapport preċedenti tal-Ecofin lill-Kunsill Ewropew dwar kwistjonijiet ta' taxxa³³.
49. Il-Kunsill Ewropew fil-konklużjonijiet tiegħu tas-17-21 ta' Lulju 2020 ³⁴(il-punt A29) indika li "*Matul is-snin li ġejjin, l-Unjoni ser taħdem biex tirrifirma s-sistema tar-riżorsi proprji u tintroduċi riżorsi proprji ġodda. [...] ... matul il-QFP li jmiss, l-Unjoni ser taħdem biex tintroduċi riżorsi proprji oħra, li jistgħu jinkludu Taxxa fuq it-Tranżazzjonijiet Finanzjarji.*" F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni reċentement iċċarat li ³⁵"*jekk ikun hemm qbil dwar din it-Taxxa fuq it-Tranżazzjonijiet Finanzjarji, il-Kummissjoni ser tagħmel proposta sabiex dħul minn din it-Taxxa fuq it-Tranżazzjonijiet Finanzjarji jiġi trasferit għall-baġit tal-UE bħala riżorsa proprja. Jekk ma jintlaħaq l-ebda qbil sa tmiem l-2022, il-Kummissjoni, abbażi tal-valutazzjonijiet tal-impatt, ser tipproponi riżorsa proprja ġdida, ibbażata fuq Taxxa fuq it-Tranżazzjonijiet Finanzjarji ġdida. Il-Kummissjoni għandha tagħmel hilita biex tagħmel dawn il-proposti sa Ġunju 2024 bil-ħsieb tal-introduzzjoni tagħhom sal-1 ta' Jannar 2026.*"

B. KOOPERAZZJONI AMMINISTRATTIVA

- a) *Kooperazzjoni amministrattiva internazzjonali dwar kwistjonijiet tat-taxxa – kunsiderazzjonijiet ta' politika*
50. Fil-laqgħa tal-HLWP tat-28 ta' Ottubru 2021 id-delegazzjonijiet iddiskutew konsiderazzjonijiet ta' politika relatati ma' aktar ħidma fil-qasam tal-kooperazzjoni amministrattiva internazzjonali dwar kwistjonijiet tat-taxxa, ukoll bħala segwitu għad-diskussjonijiet dwar dan is-suġġett matul il-mandat tal-Presidenza Portugiża³⁶.

³³Dok. 8891/20, il-punti 67-70, dok. 14863/19, il-punti 104-110.

³⁴ Dok. EUCO 10/20.

³⁵ Ara r-riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew tas-16 ta' Diċembru 2020 dwar l-abbozz ta' regolament tal-Kunsill li jstabilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin 2021 sal-2027 (09970/2020 – C9-0409/2020 – 2018/0166(APP)), id-Dikjarazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-istabbiliment ta' Riżorsa Proprja bbażata fuq it-Taxxa fuq it-Tranżazzjonijiet Finanzjarji.

³⁶ Dok. 9970/21, il-punti 81-82.

51. Qafas preċiż u li jiffunzjona ta' kooperazzjoni amministrattiva internazzjonali jibqa' wieħed mis-salvagwardji u l-għodod ewlenin biex jiġi żgurat il-ġbir f'waqt u effiċjenti tad-dħul u l-prevenzjoni tal-frodi tat-taxxa u l-ippjanar aggressiv tat-taxxa. Dan huwa partikolarment rilevanti fil-kuntest tal-ħtieġa tal-irkupru mill-kriżi kkawżata mill-pandemija tal-COVID-19 mill-aktar fis possibbli, u minħabba li d-dimensjoni internazzjonali hija dejjem aktar intrinsika għall-attivitajiet ekonomiċi taċ-ċittadini u n-negozji tal-UE.
52. F'dan il-kuntest, huwa importanti li jitfakkar li l-Kunsill iqis li huwa essenzjali li l-UE tkompli tistabbilixxi l-aġenda għall-aktar tentattiv globali komprensiv biex jitrażżnu l-frodi tat-taxxa, l-evażjoni tat-taxxa u l-evitar tat-taxxa transfruntiera permezz tal-kooperazzjoni amministrattiva³⁷.
53. Il-qafas dwar il-kooperazzjoni amministrattiva fil-qasam tat-tassazzjoni ser jissaħħa kemm fil-livell tal-UE kif ukoll fix-xena globali. Huwa probabbli wkoll li l-ftehimiet konklużi bejn l-Istati Membri u l-ġurisdizzjonijiet mhux tal-UE ser jevolvu maż-żmien.
54. Jenħtieġ li l-kontinwità tal-fluss ta' informazzjoni relatata mat-taxxa tiġi żgurata, u kwalunkwe riżultat ieħor jipperikola snin ta' ħidma teknika u politika kkomplicata fil-livell internazzjonali, li għadha kif bdiet tagħti r-riżultati mixtieqa fil-kisba ta' dan l-oġettiv importanti ta' interess pubbliku ġenerali.
55. Filwaqt li jiġi żgurat il-funzjonament xieraq tas-sistema ta' skambju internazzjonali ta' informazzjoni għal finijiet tat-taxxa, għad hemm bżonn ta' kalibrazzjoni xierqa mad-drittijiet u l-obbligi tal-kontribwenti: kwalunkwe restrizzjoni għandha tosserva r-rekwiżiti ta' neċessità u proporzjonalità u tkompli tirrispetta l-essenza tad-drittijiet u l-libertajiet fundamentali, inkluż fir-rigward ta' skambji ma' pajjiżi terzi.
56. Il-ħidma teknika għandha tkompli fir-rigward tal-użu mmirat aħjar u aktar effiċjenti tal-informazzjoni miġbura permezz ta' kooperazzjoni amministrattiva.

³⁷ Konklużjonijiet tal-Kunsill tad-29 ta' Mejju 2020 dwar l-evoluzzjoni futura tal-kooperazzjoni amministrattiva fil-qasam tat-tassazzjoni fl-UE (dok. 8482/20, punt 11).

57. Sabiex jiġi żgurat progress fit-twettiq tal-ħidma u biex jintlaħqu l-għanijiet imsemmija fil-paragrafi 54, 55 u 56 ta' dan ir-rapport, jistgħu jiġu organizzati laqgħat fil-livell tal-esperti fil-Grupp ta' Ħidma tal-Kunsill dwar Kwistjonijiet ta' Taxxa jew, fejn adatt, fil-gruppi ta' esperti tal-Kummissjoni, bl-użu tal-għarfien espert neċessarju fl-oqsma rilevanti. B'dan il-mod, l-istandards minimi komuni jistgħu jiġu promossi fejn meħtieġa, kemm fl-UE kif ukoll internazzjonalment, b'mod bilanċjat u effiċjenti.
58. F'dan l-kuntest, l-Istati Membri u l-Kummissjoni għandhom jibqgħu f'kuntatt mill-qrib, għall-fini ta' aġġornamenti rikorrenti dwar dawn il-kwistjonijiet fid-WPTQ (Livell Għoli), bil-ħsieb li l-Kunsill jipprovdi aktar gwida, kif meħtieġ.
59. Huwa mistenni li l-Kummissjoni tressaq, fl-2022, proposta leġiżlattiva dwar reviżjoni ulterjuri tad-Direttiva 2011/16/UE dwar il-kooperazzjoni amministrattiva fil-qasam tat-tassazzjoni, rigward l-iskambju ta' informazzjoni dwar il-kriptoassi u d-deċiżjonijiet tat-taxxa għal individwi għonja.

b) Kooperazzjoni amministrattiva ma' pajjiż mhux tal-UE fil-qasam tal-VAT

60. Fil-laqgħa tal-HLWP tat-23 ta' Settembru, il-Kummissjoni infurmat lid-delegazzjonijiet dwar:
- a) il-ħidma li għaddejja fil-Kumitat Konġunt, abbażi tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju tan-Norveġja dwar il-kooperazzjoni amministrattiva, il-ġlieda kontra l-frodi u l-irkupru tat-talbiet fil-qasam tat-taxxa fuq il-valur miżjud³⁸;
 - b) L-aspetti relatati mal-VAT tad-diskussjonijiet mar-Renju Unit fil-kuntest tal-Protokoll dwar il-kooperazzjoni amministrattiva u l-ġlieda kontra l-frodi fil-qasam tat-taxxa fuq il-valur miżjud u dwar l-assistenza reċiproka għall-irkupru ta' pretensjonijiet relatati ma' taxxi u dazji;³⁹
 - c) l-istadju bikri tal-kuntatti esploratorji mal-awtoritajiet tal-Awstralja, il-Kanada u l-Ġappun, fir-rigward tal-possibiltajiet għal aktar ħidma lejn kooperazzjoni amministrattiva fil-qasam tal-VAT;

³⁸ ĠU L 195, 1.8.2018, p. 3.

³⁹ ĠU L 149, 30.4.2021, p. 10.

d) negozjati li għaddejjin mal-awtoritajiet tar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina, fid-dawl tal-konklużjoni ta' Memorandum ta' Qbil mhux vinkolanti (qafas futur possibbli ta' kooperazzjoni amministrattiva bejn l-UE u r-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina fil-qasam tal-VAT)⁴⁰.

61. Huwa mfakkar li, fir-rigward tan-negozjar u l-konklużjoni ta' strumenti mhux vinkolanti skont id-dritt tal-UE (b'hall-Memorandum ta' Qbil imsemmi hawn fuq), u f'konformità mar-rekwiżiti tat-Trattat dwar l-UE (b'mod partikolari l-Artikolu 16(1) TUE), it-tfassil tal-politika jibqa' prerogattiva tal-Kunsill. Għalhekk huwa f'idejn il-Kunsill li jivvaluta jekk huwiex fl-interess tal-Unjoni li tidħol f'dawn id-diskussjonijiet (negozjati) dwar strument mhux vinkolanti possibbli. Barra minn hekk, wara s-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-kawża C-660/13 (MtQ Żvizzeru), is-Segretarji Ġenerali tal-Kunsill, tal-Kummissjoni u tas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna qablu, fl-2017, dwar l-Arranġamenti għal strumenti mhux vinkolanti⁴¹. Dawn l-Arranġamenti japplikaw għall-istrumenti mhux vinkolanti kollha irrispettivament mill-qasam ta' politika u minn min jirrappreżenta lill-Unjoni fin-negozjati mal-parti terza jew mal-partijiet terzi u irrispettivament mid-denominazzjoni jew il-forma tagħhom. Huwa mifhum li l-Kummissjoni ser tkompli taġġorna regolarment lill-Istati Membri dwar il-progress f'dawn in-negozjati (inkluż dwar kwalunkwe kuntatt ulterjuri ma' pajjiżi mhux tal-UE f'dan il-qasam), u ser terġa' lura għand il-Kunsill fi tmiem in-negozjati biex titlob, f'konformità mad-dritt tal-Unjoni, l-awtorizzazzjoni tal-Kunsill għall-iffirmar tal-istrument mhux vinkolanti fisem l-Unjoni.

⁴⁰ Fl-10 ta' Marzu 2021 il-Kunsill approva, b'għadd ta' osservazzjonijiet (Dok. CM 1978/21 LIMITE, b'aktar dettalji jinsabu fid-dok. ST 6351/21 LIMITE) li l-Kummissjoni tidħol f'negozjati mal-awtoritajiet tar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina, fid-dawl tal-konklużjoni ta' Memorandum ta' Qbil mhux vinkolanti.

⁴¹ Dok. 15367/17.

C. KOORDINAZZJONI TAL-POLITIKA DWAR IT-TAXXA

Ħidma importanti fil-qasam tal-koordinazzjoni tal-politika dwar it-taxxa (lil hinn mill-kamp ta' applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-UE fil-qasam tat-taxxa) mxiet 'il quddiem, kif jidher hawn taħt.

a) Grupp dwar il-Kodiċi tal-Kondotta (tassazzjoni tal-intrapriżi)

62. Il-Grupp dwar il-Kodiċi tal-Kondotta (COCG) kellu vidjokonferenzi informali tal-grupp prinċipali fil-5 ta' Lulju, fil-21 ta' Settembru, fit-12 ta' Ottubru u fit-22 ta' Novembru 2021; vidjokonferenzi informali tas-sottogrupp dwar kwistjonijiet interni/esterni fit-18 u d-29 ta' Ottubru, fit-12 u s-16 ta' Novembru. Barra minn hekk, il-Kunsillieri/Attachés Fiskali Itaqgħu fit-8 ta' Lulju, fit-8, it-13, is-16, l-20 u l-24 ta' Settembru u fis-17 ta' Novembru 2021 sabiex jiddiskutu dokumenti EU-RESTRICTED relatati mal-lista tal-UE ta' ġuriżdizzjonijiet li ma jikkooperawx għal finijiet ta' taxxa. Huwa ppjanat li ssir laqgħa addizzjonali tal-Kunsillieri/Attachés Fiskali f'Diċembru sabiex jitħejjew id-diskussjonijiet għall-aġġornament li jmiss tal-lista fi Frar 2022.
63. Ir-reviżjoni biannwali tal-lista tal-UE ta' ġuriżdizzjonijiet li ma jikkooperawx għal finijiet ta' taxxa ġiet approvata mill-Kunsill Ecofin fil-5 ta' Ottubru 2021 u ppubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali fit-12 ta' Ottubru 2021.⁴²
64. Wara l-kwestjonarju dwar il-miżuri difensivi fil-konfront ta' pajjiżi fil-lista tal-UE ta' ġuriżdizzjonijiet li ma jikkooperawx għal finijiet ta' taxxa, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Grupp sommarju tal-implimentazzjoni mill-Istati Membri tal-Gwida tal-2019 dwar miżuri difensivi⁴³. Id-delegazzjonijiet appoġġaw l-intenzjoni li titkompla l-ħidma fil-qasam tal-miżuri difensivi, inkluż valutazzjoni tal-implimentazzjoni tal-Gwida.
65. Il-Presidenza Slovena, f'koordinazzjoni mal-President tal-Grupp dwar il-Kodiċi tal-Kondotta (COCG), kompliet id-diskussjoni dwar ir-reviżjoni tal-mandat tas-COCG biex tkopri wkoll karatteristiċi tas-sistemi tat-taxxa li għandhom applikazzjoni ġenerali u li jista' jkollhom effetti dannużi. [Il-Kodiċi tal-Kondotta (Tassazzjoni tal-Intrapriżi) rivedut ġie approvat mill-Kunsill fi xxxx].

⁴² ĠU C 413I, 12.10.2021, p 1-4.

⁴³ Dok. 14114/19.

b) Żviluppi internazzjonali

66. L-HLWP kien infurmat regolarment bl-iżviluppi internazzjonali rilevanti fil-qasam tal-politika tat-taxxa, b'mod partikolari fir-rigward tal-laqgħat tal-Ministri għall-Finanzi tal-G20 u l-QI tal-OECD/G20 dwar il-BEPS. Id-diskussjonijiet regolari fil-HLWP, flimkien ma' diskussjoni informali fil-livell tal-Ministri f'Settembru, taw kontribut sinifikanti għall-ftehim aħħari fil-Qafas Inklużiv tal-BEPS tal-OECD/G20.
67. L-attenzjoni tad-delegazzjonijiet inġibdet għal kwistjonijiet relatati mal-Att dwar il-Konformità Fiskali tal-Kontijiet Barranin (FATCA) tal-Istati Uniti, f'Lulju 2021 meta l-Presidenza Slovena infurmat lill-HLWP dwar is-sitwazzjoni attwali tal-FATCA. Aktar tard f'Lulju, abbażi tal-progress li sar matul it-termini preċedenti tal-Presidenza, il-Presidenza Slovena organizzat vidjokonferenza informali mad-Dipartiment tat-Teżor tal-Istati Uniti dwar il-FATCA, b'enfasi fuq ir-reċiproċità fl-iskambju ta' informazzjoni skont il-Ftehimiet Intergovernattivi FATCA u fuq il-kwistjonijiet tal-Amerikani Aċċidentali, inkluż il-kwistjoni tal-kisba ta' aktar gwida mit-Teżor u l-IRS għall-prevenzjoni tal-għeluq tal-kontijiet bankarji tal-Amerikani Aċċidentali fl-UE. F'Settembru, il-Presidenza infurmat lill-HLWP dwar din il-laqgħa. Il-kuntatti mal-awtoritajiet tal-Istati Uniti għadhom għaddejjin u huma ppjanati aktar laqgħat informali mal-kontropartijiet tal-Istati Uniti.
68. Fid-19 ta' Novembru 2013, l-HLWP qabel li d-dispożizzjonijiet tat-taxxa fid-dossiers mhux relatati mat-taxxa li jwasslu għal kwalunkwe bidla fil-liġijiet tat-taxxa jew fil-prattiki amministrattivi tal-Istati Membri jew li jkollhom konsegwenzi oħrajn fuq it-tassazzjoni, għandhom jaqgħu taħt "mekkaniżmu ta' twissija informali". L-approċċ sistematiku li dawn il-każijiet jitpoġġew għall-attenzjoni tal-esperti tat-taxxa, bl-appoġġ tas-Segretarjat Ġenerali, kompli jiżgura li l-Istati Membri jingħataw twissija f'waqtha, inkluż fir-rigward ta' negozjati ta' ftehimiet bejn l-UE u pajjiżi terzi. Il-kwistjonijiet li ġew immonitorjati mill-HLWP jinkludu: is-segwitu għar-rapport tal-ESMA tal-2020 dwar l-iskemi Cum/Ex, Cum/Cum u r-reklamar tat-taxxa minn ras il-għajn, il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni "L-indirizzar tal-prezzijiet tal-enerġija: sett ta' għodod għall-azzjoni u l-appoġġ"⁴⁴, il-pakkett għall-Ġlieda kontra l-Ħasil tal-Flus ta' Lulju 2021 u s-sitwazzjoni attwali tad-Direttiva dwar ir-rapportar pubbliku għal kull pajjiż (pCBCR).

⁴⁴ Dok. 12682/21.